TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT 484/11 (JE).

Sharon Frendo

vs

Martha Spiteri.

Illum, 24 ta' Settembru 2012.

It-Tribunal,

Ra l-avviż ta' Sharon Frendo li fih qalet illi xtrat basket ta' l-iskola li sewa ħamsa u tmenin euro (€ 58) u wara ħmistax-il ġurnata ta' użu mit-tifel, tqatta'. Madankollu, il-konvenuta rrifjutat illi tbiddlu għax sostniet illi l-basket kien tkaxkar. L-aġent offra li jsewwieh imma l-attriċi rrifjutat.

Ra r-risposta tal-konvenuta illi permezz tagħha sostniet illi l-mod kif il-basket huwa mqattgħa qisu ġie mkaxkar ma' l-art għax kieku l-basket kien ta' materjal inferjuri, kien jitqatta' minn bosta bnadi u m'hux minn post wieħed. Il-konvenuta kkonfermat illi uriet il-basket lill-aġent illi offra li jsewwi l-basket imma l-attriċi rrifjutat.. Sostniet ukoll illi l-basket sewa' erbgħa u ħamsin euro (€ 54) għax l-attriċi ngħatat skont.

Ra l-provi tal-partijiet.

Ikkunsidra.

It-Tribunal huwa rinfaċċjat minn żewġ verżjonijiet kontrastanti imma huwa propens, anke wara li ra l-basket in kwistjoni, illi jaċċetta l-ipotesi tal-konvenuta, kif ikkonfermata mix-xhieda ta' l-aġent tal-basket, Paul Borg, illi l-basket tqatta' għax tkaxkar u kien hemm "xi oġġett iebes illi tpoġġa fil-pocket tal-ġemb tal-basket li mbagħad ħabat jew tkaxkar ma' xi ħaġa." L-attriċi ma kienetx il-ħin kollu mat-tifel tagħha u ma tistax teskludi tali ipotesi. Fi kwalunkwe każ, ma ppruvatx għas-sodisfazzjon tat-Tribunal illi l-basket tqatta' minħabba materjal ħażin.

Għar-raġunijiet premessi, it-Tribunal qed jiċħad it-talba attriċi bl-ispejjeż.

Av. Joseph Ellis
Arbitru.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888